# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 669/10/1 JPG**

**Anthony Abela u martu Carmen Abela, Charles Buhagiar u martu Maria Dolores Buhagiar, Anna Dalli, Joe Dimech u martu Carmen Dimech, Patrick Mifsud u martu Maria Mifsud, Joseph Sciriha u martu Joan Antida Sciriha, Alfred Spiteri, Vincent Tanti u martu Carmen Tanti, Charles Abela Mizzi, Ruth Abela, Leonard Aquilina u martu Carmen Aquilina, John Barbara u martu Josephine Barbara, Joe Bartolo u martu Jane Bartolo, John Bezzina u martu Mary Bezzina, Joseph Bonello u martu Victoria Bonello, Anthony Borg u martu Maria Carmela Borg, Elia Borg u martu Carmen Borg, Alfred Brincat u martu Jane Brincat, Anthony Camilleri u martu Mary Camilleri, Charles Carabott u martu Elizabeth Carabott, Alfred Caruana u martu Doris Caruana, Charles Cini u martu Rose Cini, Alfred Cutajar u martu Odette Cutajar, Joseph Cutajar u martu Hilda Cutajar, Richard Cutajar u martu Monica Cutajar, Albert Debono u martu Ann Debono, Joseph Degiovanni u martu Victoria Degiovanni, Francis Gatt u martu Grace Gatt, Louis Gatt u martu Carmen Gatt, Carmel Gauci u martu Mary Gauci, Joseph Giuliano u martu Mary Rose Giuliano, John Inguanez u martu Maria Inguanez, Saviour Magro u martu Gorgina Magro, Carmel Marmara, Albert O'Neill u martu Carmen O'Neill, John Raggio u martu Doris Raggio, Joseph Schembri u martu Helen Schembri, John Sciberras u martu**

**Censina Sciberras, Victor Sciberras u martu Maria Sciberras, Dorothy Sollars, Victor Wickman u martu Maryrose Wickman, John Agius u martu Anna Agius, Paul Azzopardi u martu Violet Azzopardi, Anna Bonanno, Joseph Borg Xuereb u martu Rita Borg Xuereb, Reno Bugeja u martu Grace Bugeja, Charles Callus, Edwin Cassar u martu Anna Cassar, Joseph Cilia u martu Maria Carmela Cilia, Edwin Debono u martu Maria Carmela Debono, Louis Deguara u martu Carmen Deguara, Raymond Farrugia u martu Rita Farrugia, Mario Galea u martu Frances Galea, Nicholas Gauci u martu Rita Gauci, Lino Giuliano, Charles Grech u martu Therese Grech, David Gutteridge u martu Cynthia Gutteridge, Raymond Libreri u martu Letizia Libreri, Joseph Mizzi u martu Sylvia Mizzi, Alfred Musu u martu Maryrose Musu, Joseph Scicluna u martu Maria Carmela Scicluna, Peter Borg, George Peresso u martu Isabella Peresso, Emanuel Scicluna u martu Marianna Scicluna, Emanuel Zammit u martu Doris Zammit**

**v.**

**Public Broadcasting Services Limited (C-13140)**

**u permezz ta' digriet tal-24 ta' Jannar, 2012, ġiet kjamata fil-kawża Go plc;**

**u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 2018, Romeo Spiteri ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*;**

**u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 2018, Edwin Mangion ġie wkoll awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*;**

**u b'digriet tal-5 ta' Frar, 2020, Alfred Mercieca, Dennis Cassar u Joseph Bonnici ġew ukoll awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*;**

**u b'digriet tas-17 ta' Settembru, 2019, Victor Sammut ġie wkoll awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni mressaq minn Public

Broadcasting Services Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa f'din is-sentenza bħala "il-kumpanija konvenuta") u kif ukoll dwar appell inċidentali mressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru, 2017, fejn din ordnat lill-kumpanija konvenuta twettaq skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tal-atturi skont ftehim milħuq fl-1 ta' Marzu, 1976, bil-kundizzjoni iżda, li din titwettaq skont il-ħtiġijiet amministrattivi meħtieġa mil-liġi, fosthom dawk misjuba fil-**Kap. 450 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-5 ta' Lulju, 2010, l-atturi fissru li wħud minnhom kienu impjegati ma' Rediffusion Limited, u wara mal-Korporazzjoni Telemalta, u aktar tard mal-kumpanija konvenuta, filwaqt li oħrajn kienu daħlu jaħdmu mal-Korporazzjoni Telemalta u aktar tard ġew trasferiti mal-kumpanija konvenuta. Tennew li fi ftehim li ġie ffirmat fl-1 ta' Marzu, 1976, liema ftehim ġie kkonfermat bi ftehim ieħor tal-5 ta' Diċembru, 1981, il-Korporazzjoni Telemalta kienet intrabet li twettaq għall-benefiċċju tal-impjegati tagħha skema ta' pensjoni simili għal dik li jħaddem il-Gvern.

3. Skont l-atturi dan l-obbligu llum waqa' fuq il-kumpanija konvenuta iżda din baqgħet sal-lum ma wettqitx din l-iskema u qiegħda tiċħad li hija għandha twettaqha. Minħabba f'hekk, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. tiffissa żmien qasir u perentorju li fih is-soċjetà intimata għandha timplimenta l-iskema ta' pensjoni skont il-ftehim imsemmi liema skema tkun applikabbli għal kull wieħed u waħda mill-atturi fuq il-bażi ta' paga u żmien ta' servizz li japplika għall-każ tiegħu jew tagħha; u*
>
> *2. F'każ li jkun għadda inutilment it-terminu hekk prefiss, tiddikjara li dak il-ftehim jiġi jorbot bis-saħħa tal-istess sentenza;*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-28 ta' Lulju 2009 u tas-6 ta Ottubru 2009 u protest tal-15 ta' Diċembru 2009, u b'riżerva għal kull azzjoni oħra lilhom spettanti skont il-liġi;»*

4. Fit-13 ta' Awwissu, 2010, il-kumpanija konvenuta ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għaliex it-talbiet tal-atturi m'għandhomx jiġu milqugħa.

5. B'digriet mogħti fl-24 ta' Jannar, 2012, ġiet imsejħa fil-kawża l-kumpanija GO plc (minn issa 'l quddiem imsejħa f'din is-sentenza bħala "l-imsejħa fil-kawża"). Din ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha fis-16 ta' Frar, 2012, u permezz tagħha hija tat ir-raġunijiet għaliex it-talbiet tal-atturi kellhom jiġu miċħuda fil-konfront tagħha.

6. B'sentenza mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża billi: (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża u ħelsitha mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpanija konvenuta; (iii) laqgħet l-ewwel talba tal-atturi u ordnat lill-kumpanija konvenuta biex fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza twettaq skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tal-atturi skont il-

ftehim tal-1 ta' Marzu, 1976, iżda bil-kundizzjoni li din titwettaq skont il-ħtiġijiet amministrattivi kollha li trid il-liġi, fosthom dawk misjuba fil-**Kap. 450 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (iv) ċaħdet it-tieni talba tal-atturi iżda irriżervat favur tagħhom kull dritt li huma jista' jkollhom f'każ li l-kumpanija konvenuta tonqos li twettaq l-iskema ta' pensjoni fiż-żmien li ġie ordnat lilha.

7. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

*«Ikkonsidrat;*

*Is-soċjetà kjamata in kawża Go p.l.c eċċepiet preliminarjament illi r-rikorrenti ma jistgħu jivvantaw l-ebda pretensjoni kontra tagħha, u dan peress illi r-rikorrenti qatt ma ħadmu magħha.*

*F'dan ir-rigward, il-Perit Legali irrelatat b'dan il-mod:*

> *"Ma hemm l-ebda bażi legali però illi tista' tiġġustifika l-pretensjoni attriċi fil-konfront tal-istess kjamata in kawża. Dan għaliex huwa ċar u lampanti illi l-istess socjetà hija estranea għal dawn il-proċeduri, anke meta wieħed iqis illi s-soċjetà GO plc hija s-suċċessur fit-titolu tal-Maltacom plc illi fl-1991, meta saret l-aħħar ristrutturazzjoni, kienet ħadet magħha lill-eks impjegati tat-Taqsima tal-Telefon fi ħdan il-Korporazzjoni Telemalta – mentri dawk fis-Sezzjoni tax-Xandir għaddew direttament fi ħdan is-soċjetà konvenuta PBS. Effettivament anke Ayrton Caruana Senior Manager Human Resources fis-soċjetà Go plc ikkonferma illi l-ebda wieħed mill-atturi qatt ma rriżulta impjegat mal-istess soċjetà jew mas-soċjetà Maltacom plc."*

*Wara li rat il-prova miġjuba, il-Qorti tqis illi din il-konklużjoni tal-Perit Legali hija ġusta u korretta, u dan billi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti, li kienu jaħdmu fis-Sezzjoni tax-Xandir kienu għaddew direttament f'impjieg mas-soċjetà intimata PBS, filwaqt illi s-soċjetà kjamata in kawża Go plc hija s-suċċessur fit-titolu ta' Maltacom plc illi kienet ħadet dawk il-persuni li kienu impjegati fit-Taqsima tat-Telefon. Għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni tas-socjetà kjamata in kawża qed tiġi milqugħa, u konsegwentement il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet tagħha, filwaqt illi tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Ikkonsidrat;*

*Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, s-soċjetà intimata eċċepiet illi r-rikorrenti jridu jgibu prova illi huma impjegati jew ex-impjegati tagħha.*

*F'dan ir-rigward, il-Qorti rat il-listi mressqa mir-rikorrenti annessi mal-affidavits ta' Anthony Abela u Raymond Libreri – lista Dok. AA1 ex-impjegati tar-Rediffusion u lista Dok. RL1 li tindika l-impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta bejn it-twaqqif tagħha u l-1979, il-kontenut ta' liema, ma ġie bl-ebda mod kontestat mis-soċjetà intimata. Rat ukoll id-dokumentazzjoni preżentata mill-Korporazzjoni tat-Taħriġ u l-Impieg [Dok SB1 sa SB65 u Dok. JSS1 sa Dok. JSS3] li tikkonferma dan il-fatt.*

*Il-Qorti għalhekk taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni, u konsegwentement tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata billi tirriżulta infondata.*

*Ikkonsidrat;*

*Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, s-soċjetà intimata PBS Limited eċċepiet illi meta sar it-trasferiment lilha fis-sena 1992, hija ma assumietx l-obbligazzjonijiet tal-Korporazzjoni Telemalta fil-konfront tar-rikorrenti u għalhekk ma għandha ebda obbligu illi tniedi xi skema ta' pensjonijiet privata u/jew timplimenta l-iskema inkwistjoni, jew li tagħti effett għal ftehim bejn terzi, u li għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jiġu milqugħa.*

*F'dan ir-rigward, il-Qorti rat il-Kuntratt ta' Bejgħ datat 5 ta' Awwissu 1992 [Dok. C] fejn il-Korporazzjoni Telemalta biegħet lill-Public Broadcasting Services Limited varji proprjetajiet immobbli u mobbli inkluż drittijiet relattivi u partikolarment:*

> *"all rights and claims (including litigious rights) and agreements regarding broadcasting services, of the Corporation against or with third parties (including any claims against the Broadcasting Authority) and all debts due to or due by the Corporation regarding broadcasting services, subject to all contractual obligations relating to any of the aforesaid rights, claims, agreements or debts. For the avoidance of any doubt the parties agree that this deed comprises all current assets and liabilities appearing on the audited balance sheet of "Xandir Malta' division of the Corporation as on the thirty first of July of the year one thousand nine hundred and ninety two".*

*...*

*Fid-dawl ta' dak hawn fuq rilevat, il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-abbli Perit Legali, taddottah u tagħmlu tagħha. Kif intqal mit-Tribunal għall-Investigazzjoni tal- Inġustizzji f'Malta, ġaladarba s-soċjetà intimata wirtet il-krediti u l-assi kollha tas-sezzjoni tax-Xandir tal-Korporazzjoni Telemalta, isegwi illi assumiet ukoll ir-*

*responsabbilitajiet u l-obbligi kontrattwali tagħha, b'mod għalhekk illi m'għandhiex raġun meta teċċepixxi illi hija ma wirtet l-ebda obbligu illi tniedi skema ta' pensjoni kif il-Korporazzjoni kienet wegħdet lir-rikorrenti. Jekk imbagħad din l-obbligazzjoni ġiet revokata jew varjata hija kwistjoni ohra. Fil-fatt din hija l-bażi tal-eċċezzjonijiet sussegwenti tas-soċjetà intimata, però fil-mument meta wirtet l-assi u l-krediti kollha tas-sezzjoni tax-Xandir tal-Korporazzjoni Telemalta, hija wirtet ukoll l-obbligu illi tniedi skema ta' pensjoni għall-impjegati li ġew trasferiti fi ħdana, peress illi dan kien proprju obbligu tal-Korporazzjoni Telemalta.*

*Għaldaqstant, din it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà intimata qiegħda wkoll tiġi miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Permezz tat-tielet u r-raba' eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà intimata eċċepiet illi l-obbligu li tniedi skema ta' pensjoni għal ex-impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta ġie estint bil-ftehim kollettiv ta' Settembru 1993 li jgħid testwalment "This Agreement cancels and supersedes any other verbal and/or written agreement that may have been in force prior to the date of this Agreement" u illi l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-ħaddiema tas-soċjetà intimata huma biss dawk li jirriżultaw mill-Ftehim kollettiv illum fis-seħħ. Min-naħa tagħhom ir-rikorrenti jankraw it-talbiet tagħhom fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Francis Paris et v. Maltacom plc, li kienet titratta fattispecie identiċi, u fejn ukoll il-ftehim kollettiv li kien ġie ffirmat mal-Maltacom kien jinkludi klawsola preliminari simili għal dik ċitata mis-soċjetà intimata fl-eċċezzjoni tagħha.*

*...*

*Din il-Qorti tagħraf illi dan il-każ huwa pjuttost partikolari forsi anke eċċezzjonali, u dan in vista tal-fatt illi l-Qorti tal-Appell ġa ppronunzjat sentenza fir-rigward ta' sitwazzjoni identika għall-kaz odjern li fejn si tratta ta' persuni illi wkoll kienu ex-impjegati ta' Rediffusion Malta u/jew Korporazzjoni Telemalta, u li ġew trasferiti lil entità differenti mill-Korporazzjoni Telemalta meta sar l-eżerċizzju ta' ristrutturazzjoni, li wkoll kienu ġew mwiegħda illi ser tiġi implimentata sistema ta' pensjoni ta' servizz. Di più anke f'dik il-kawża, qamet kwistjoni rigward l-import ta' klawsola preliminari simili ħafna għal dik ċitata mis-soċjetà intimata.*

*F'dik is-sentenza, u ċioè fis-sentenza fl-ismijiet Francis Paris et v. Maltacom plc, il-Qorti ta' Appell irrilevat illi:*

> *"...ma jirriżultax li l-partijiet fir-rigward tal-ftehim tal-1975, meta ffirmaw il-ftehim kollha sussegwenti, riedu li sseħħ novazzjoni għar-rigward tal-obbligazzjoni naxxenti mill-klawsola 8 tal-istess ftehim, li tiġi varata skema ta' pensjoni. Ma jirriżulta xejn inkompatibbli bejn l-istess obbligazzjoni kif kontenuta fil-ftehim tal-1975 u l-kontenut tal-ftehim*

*kollha li ssussegwew l-istess ftehim. Ma hemm xejn fil-ftehim sussegwenti li jiskonvolġi b'mod determinanti l-klawsola in kwestjoni. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu ma jirriżultawx l-elementi kollha meħtieġa biex jista' jingħad li seħħet in-novazzjoni oġġettiva għar-rigward tal-klawsola numru 8 in kwestjoni. Lanqas ma jirriżulta li l-kredituri ċjoè l-atturi taw il-kunsens tagħhom għat-tħassir tal-ftehim oriġinali. Il-ftehim kollettiv li segwew dak oriġinali tal-1975 setgħu bidlu xi kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema, però, żgur ma jistax jingħad li invalidaw jew annullaw il-klawsola in kwestjoni kif kontenuta fil-ftehim tal-1975. Għalhekk jekk jingħad li saret modifika, tali modifika tirreferi għall-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-atturi u għalhekk ma kienx hemm modifiki li jista' jingħad li jammontaw għall-annullament tal-istess klawsola in kwestjoni."*

*B'referenza speċifika għall-klawsola preliminari simili għal dik invokata mis-soċjetà intimata, intqal illi:*

*"L-introduzzjoni ta' klawsola bħal din ma tammontax għal manifestazzjoni min-naħa tal-partijiet (b'mod speċjali l-atturi) li riedu li dak li ġie miftiehem snin qabel jintnesa u li huma kienu qed jirrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom naxxenti mill-ftehim tal-1975. Ma jistax jitqies li l-atturi kienu qed jaqblu li jitħassru d-drittijiet tagħhom meta dawn id-drittijiet ma ġewx implimentati minħabba nuqqasijiet serji da parti tal-konvenuti. Lanqas ma jista' jingħad li jirriżulta li l-partijiet kellhom f'moħħhom li jeskludu dritt tal-atturi, (ċjoè ta' parti) u b'hekk l-atturi ma jkollhomx aktar id-dritt li jippretendu li jingħataw id-drittijiet tagħhom naxxenti minn ftehim passat. Meta l-partijiet ftehmu li r-relazzjonijiet tagħhom kellhom jiġu esklussivament regolati mill-ftehim sussegwenti, evidentement huma kellhom f'moħħhom il-kondizzjonijiet normali tax-xogħol bħal pagi, leave u overtime.*

*... L-atturi kienu akkwistaw drittijiet bil-ftehim tal-1975 u minn imkien ma jirriżulta b'mod ċar li huma riedu jirrinunzjaw għal tali drittijiet u dan ukoll mingħajr ebda korrispettiv."*

*Il-Qorti qieset ukoll illi s-soċjetà intimata m'hijiex sempliċi soċjetà privata iżda hija entità parastatali, u li għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huma applikabbli kriterji aktar onerużi fid-determinazzjoni tal-każ illi mhux neċessarjament isibu applikabbilità għall-entità privata, u dan senjatament il-prinċipju tal-aspettativa leġittima, li skont il-prinċipju tal-ġustizzja naturali torbot lill-awtoritajiet pubbliċi.*

*Il-Qorti qieset ukoll illi mid-dibattiti parlamentari tirriżulta ċar u tond l-intenzjoni tal-Gvern illi jimplimenta sistema ta' pensjoni tas-servizz għall-impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta. Il-Qorti tikkonsidra li mill-assjem tal-provi din l-intenzjoni ma kinitx biss imsejsa fuq il-fatt illi għal xi żmien ma kienx hemm pensjoni nazzjonali, u għalhekk mingħajr pensjoni tas-servizz, l-impjegati ta' Rediffusion Malta (u sussegwentement Koporazzjoni Telemalta) ma kinux intitolati għal pensjoni mal-irtirar taghhom. Fil-fatt anke wara li daħlet fis-seħħ il-liġi li introduċiet il-pensjoni nazzjonali, u ċjoè fi żmien meta r-rikorrenti kienu ser ikunu intitolati għal pensjoni mal-irtirar tagħhom, l-intenzjoni tal-Gvern biex jagħti lil dawn il-ħaddiema, pensjoni tas-servizz,*

*reġgħet ġiet ikkonfermata. Jirriżulta mill-provi li l-ħsieb wara l-intenzjoni tal-Gvern kienet ukoll illi ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn l-impjegati ta' entitajiet parastatali, u dawk illi huma direttament impjegati mal-Gvern.*

*Il-Qorti tagħraf illi fis-sentenza fl-ismijiet Evelyn Montebello et v. l-Avukat Ġenerali et deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Ottubru 2016 intqal illi "dak li jingħad waqt dibattitu parlamentari m'huwiex bilfors il-posizzjoni korretta legali"." F'dan il-każ però, ir-referenza li qed issir għad-dibattiti parlamentari ma tikkonċernax l-interpretazzjoni tal-liġi, iżda qed issir proprju bħala prova tal-intenzjoni tal-Gvern illi jagħti lill-impjegati ta' Rediffusion Malta u l-Korporazzjoni Telemalta pensjoni tas-servizz, biex b'hekk, bħala impjegati ta' entità parastatali, jiġu pari passu mal-impjegati tal-entitajiet statali. Il-Qorti tqis illi meta si tratta ta' wegħdiet espressament magħmulin mill-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż, f'seduti parlamentari pubbliċi, li skont l-istess awtoritajiet huma mmirati sabiex joħolqu ugwaljanza bejn impjegati statali u impjegati parastatali, qajla għandu jigi aċċettat l- argument illi l-organu amminstrattiv m'huwiex iktar marbut b'dawk il-wegħdiet li jkun għamel meta dan ma jkunx jirriżulta konklussivament mill-provi, u dan specjalment ikkonsidrat illi r-rikorrenti aċċettaw u għamlu snin twal jaħdmu ma' entità parastatali filwaqt li stennew li xi darba, l-organu amministrattiv kien ser jonora il-wegħda tiegħu li jimplimenta din l-iskema ta' pensjoni ta' servizz. Għalhekk il-Qorti m'għandhiex faċilment taċċetta illi din il-wegħda tiġi sempliċiment injorata mis-soċjetà intimata kkonsidrat li kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Paris et vs Maltacom, ma jirriżultax espressament mill-ftehim kollettiv, illi kien qed jiġi revokat l-obbligu tas-soċjetà intimata li timplimenta skema ta' pensjoni tas-servizz għar-rikorrenti u lanqas ma jirriżulta li xi waħda mill-klawsoli operattivi ta' dan il-ftehim, kienet inkomptabbli ma' dan l-obbligu.*

*Din l-aspettativa leġittima tar-rikorrenti imbagħad ġiet kkonfermata aktar u aktar permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kienet tal-fehma, illi l-ftehim kollettiv ġdid iffirmat mir-rikorrenti f'dak il-każ, bl-ebda mod ma invalida, l-obbligazzjoni ta' Maltacom illi tniedi l-iskema ta' pensjoni mwiegħda, u dan nonostante l-eżistenza f'dak il-ftehim kollettiv ta' klawsola preliminari kważi identika għal din in kwistjoni.*

*Il-Qorti tqis għalhekk illi m'hemm l-ebda raġuni f'dan il-każ partikolari li twassalha sabiex tiddipartixxi mill-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza Francis Paris v. Maltacom plc, u għalhekk tqis illi dawn l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata huma infondati u għalhekk qed jiġu miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Is-soċjetà intimata eċċepiet wkoll permezz tal-ħames eċċezzjoni tagħha illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward il-Qorti terġa' tagħmel*

*referenza għas-sentenza fl-ismijiet Paris et v. Maltacom, li kif indikat mill-Perit Legali diġà trattat din l-eċċezzjoni, u f'liema sentenza il-Qorti, wara li rat il-ġurisprudenza fuq il-materja, qalet hekk:*

> *"...l-paragrafu (f) in diżamina għandu jirċievi interpretazzjoni in bażi għar-regola tal-ejusdem generis in korrelazzjoni max-xorta ta' krediti msemmija fl-inċiżi li jiġu qabel tal-istess artikolu, u li mhux aċċettabbli interpretazzjoni estensiva ta' dan il-paragrafu. L-espressjoni "kull kreditu ieħor" jidher li dejjem ġiet interpretata bħala li tirreferi għal kreditu ta' flus jew li jkollu l-istess natura bħal flus.*
>
> *...din il-Qorti tara li l-atturi mhux qed jaġixxu biex jirrivendikaw xi kreditu fi flus jew kreditu li għandu l-istess natura bħal flus. L-atturi qed jitolbu li jiġu rivendikati d-drittijiet taghhom taħt il-ftehim tal-1975 – dan hu l-kreditu minnhom pretiż. Huwa veru li bħala rimedju u fost id-diversi rimedji li tista' tagħti din il-Qorti, hemm ir-rimedju tal-kumpens fi flus, però, dan il-fatt fih innifsu ma jpoġġix l-azzjoni tal-atturi fil-kategorija ta' dawk ikkontemplati fl-artikolu 2156 tal-Kap. 16. L-effett ta' obbligazzjoni, li hi l-azzjoni u r-rimedju pretiż, m'għandhiex tiġi konfuża mal-kreditu nnifsu."*

*F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel perfettament ma' dak relatat mill-abbli Perit Legali u ċjoè illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata proprju fuq obligazzjoni di fare u li għalhekk l-Artikolu 2156(f) ma japplikax fil-kawża odjerna.*

*Għaldaqstant, il-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà intimata qiegħda wkoll tiġi miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Permezz tas-sitt eċċezzjoni tagħha, s-soċjetà intimata eċċepiet illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta wkoll ai terimini tal-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili, u dan peress illi għaddew aktar minn tletin sena bejn meta sar il-ftehim tal-1976 u meta ġiet istitwita l-azzjoni odjerna mir-rikorrenti.*

*Illi però l-Qorti rat illi l-ftehim tal-1981 kien ikkonferma l-ftehim tal-1976 u konsegwentement ikkonferma wkoll l-intenzjoni illi tiġi introdotta l-iskema tal-pensjoni inkwistjoni u taqbel perfettament mal-konklużjoni tal-Perit Legali illi dan ir-rikonoxximent fil-ftehim tal-1981 jammonta għal rikonixximent ta' debitu, li ai termini tal-Artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jinterrompi l-preskrizzjoni. In vista ta' dan il-Qorti tqis illi t-terminu ta' tletin sena stipulat fl-Artikolu 2143 tal-Kodici Ċivili beda jiddekorri mill-1981. Minn dan isegwi illi ġaladarba din l-azzjoni ġiet intavolata mir-rikorrenti fl-2010, kienu għadhom m'għaddewx it-tletin sena previsti mil-liġi. Għalhekk din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà intimata hija infondata u konsegwentement qed tiġi miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Permezz tas-seba' eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà intimata eċċepiet illi l-obligazzjoni oriġinali kienet vaga wisq biex tkun enforzabbli.*

*Il-Qorti rat illi l-ftehim tal-1976 spjega l-obbligazzjoni b'dan il-mod:*

*"It is understood that the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years on the date of transfer to the Corporation (ie 13th February 1975) will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation" Il-Qorti għalhekk taqbel perfettament mar-raġunament li jinsab fis-sentenza fl-ismijiet Paris et v. Maltacom, illi fir-rigward tal-istess eċċezzjoni li wkoll tqajmet f'dik il-kawża, irrilevat illi:*

> *"il-klawsola hija ċara, fis-sens li l-Korporazzjoni Telemalta kellha timplimenta skema ta' pensjoni simili għal dik applikabbli għall-ħaddiema taċ-Ċivil tal-Gvern. Il-pensjoni tas-servizz tal-ħaddiema tal-Gvern hija regolata bl-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), u l-Korporazzjoni/soċjetà konvenuta għandha, għalhekk, mudell ċar u definit li tista' tuża għall-iskop indikat, salv l-emendi li ġew miftiehma fl-istess ftehim. Skema ta' pensjoni, hu veru, hija komplessa, però, waħda simili għal dik li qed jitolbu l-atturi ġa teżisti, u bażikament hija skema ta' pensjoni simili li l-Korporazzjoni Telemalta kellha tindroduċi fl-1975.*
>
> *...'bħal' jew 'simili' dik tal-Gvern, li, fl-essenza tagħha kienet pensjoni non-kontributorja u kienet tingħata wara għaxar snin servizz; l-ammont tal-pensjoni kien sa massimu ta' żewġ terzi tas-salarju mingħajr capping. Dan hu l-qafas li kellu jiġi introdott bil-ftehim tal-1975, bil-proviso li dawk il-ħaddiema li kellhom 'il fuq minn 50 sena u, kwindi, jagħtu anqas minn għaxar snin servizz, xorta waħda jkunu intitolati għal pensjoni."*

*Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan u tqis anzi illi din l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata hija, tista' tgħid ictu oculi, infondata għaliex l-obbligazzjoni stipulata fil-ftehim tal-1976 hija waħda ċara u ma tippreżenta ebda diffikultà fl-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tagħha. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata qiegħda wkoll tiġi miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Permezz tat-tmien eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà intimata eċċepiet illi jekk jiġu milqugħa t-talbiet tar-rikorrenti jikkostitwixxu ksur ta' liġijiet ta' ordni pubbliku, senjatament l- Att dwar is-Sigurtà Soċjali u l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali (Kap. 147) li jirregolaw (jew li kienu jirregolaw) l-ammont massimu ta' pensjoni li persuna tista' tirċievi.*

*Il-Qorti rat illi għalkemm huwa minnu li l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali tal-1965 (Kap. 147) jimponu pensjoni massima, dawn iż-żewġ liġijiet ma jħassrux jew jiddikjaraw nulla kwalunkwe pensjoni tas-servizz li tkun eżistenti. Minflok dawn il-liġijiet jipprovdu illi l-pensjoni tas-servizz tittieħed in*

*konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-pensjoni taħt l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali.*

*Fil-fatt, kif intqal fis-sentenza Paris et v. Maltacom plc b'referenza għal dan l-argument:*

> *"Dan l-arranġament li kellu jwassal lill-ħaddiema tat-Telemalta u li kienu ex-impjegati tal-kumpanija Cable and Wireless jkollhom "service pension", ma jistax jitqies li jmur kontra l-ordni pubbliku għax mhux projbit espressament b'ebda liġi, u pensjoni "simili" ġiet fil-fatt protetta u kkunsiderata fl-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali bl-emenda su riferita li kienet ġiet introdotta bl-Att XXI tal-1979. Il-pensjoni li kellhom jieħdu l-ex-impjegati tal-Cable and Wireless Ltd, għandha tkun pensjoni "simili għal dik li kienu intitolati għaliha l-ħaddiema tal-Gvern fl-1979, u din il-pensjoni tas-servizz kienet u għadha tiforma parti mill-Ordinament Ġuridiku Malti, tant li l-ħaddiema taċ-Ċivil li rtiraw qabel l-1979 għadhom jieħu l-pensjoni tas-servizz u l-pensjoni taħt in-National Insurance Act, imnaqqsa kif provdut f'dan l-aħħar att. Kwindi, ma jistax jingħad li l-ftehim imur kontra l-ordni pubbliku Malti."*

*Għalhekk il-Qorti tqis illi anke din l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata hija nfondata u konsegwentement qed tiġi miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Permezz tad-disa' eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà intimata eċċepiet illi r-rikorrenti ma għandhomx il-jedd minnhom pretiż ukoll għaliex il-wegħda inkwistjoni kienet saret mill-Korporazzjoni minħabba l-fatt li l-impjegati inkwistjoni ma kinux jikkwalifikaw għall-pensjoni tal-Gvern, ħaġa li ġiet sussegwentement rimedjata leġislattivament b'mod li effettivament l-impjegati inkwistjoni ħadu mingħand il-Gvern, dak li l-istess Gvern kien wiegħed tramite l-Korporazzjoni Telemalta.*

*Il-Qorti però ma taqbel xejn ma' dan ir-raġunament. Kif relatat mill-abbli Perit Legali:*

> *"Il-Ftehim Kollettiv tal-1981 bl-aktar mod espliċitu kkonferma l-validità tal-Ftehim Kollettiv tal-1976 u dan huwa anke konċess mis-soċjetà konvenuta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha. M'hemmx dubbju, kemm mill-kronologija tal-fatti u anke minn din l-ammissjoni espressa tas-soċjetà konvenuta illi permezz tal-Ftehim tal-1981, il-Korporazzjoni Telemalta kienet ikkonfermat l-impenn tagħha illi tistabbilixxi "a pension scheme similar to that operated by the Government" anke jekk l-Att XXI tal-1979 kien sadanittant introduċa pensjoni ta' żewġ terzi għal kulħadd."*

*Il-Qorti taqbel ma' dan ir-raġunament u tagħmlu tagħha, għaliex fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-ftehim kollettiv tal-1981 ikkonferma dak tal-1976 mingħajr riżerva, u dan nonostante l-fatt illi sa dak it-tant, kienet daħlet fis-seħħ il-pensjoni nazzjonali għal kulhadd, juri illi l-intenzjoni tal-partijiet ma kinetx sempliċiment illi r-rikorrenti jingħataw pensjoni li kellha tkun sempliċi alternattiva għal dik nazzjonali sakemm ma kienx*

*għad hemm waħda, iżda turi li l-ħsieb wara l-introduzzjoni ta' din l-iskema, kien imur oltre dan, u kien intiż sabiex jassigura ugwaljanza bejn il-ħaddiema ta' entitajiet statali u parastatali, peress illi dawn ta' qabel kien intitolati għal pensjoni ta' servizz, liema benefiċċju ma ġiex estint bl-introduzzjoni tal-pensjoni nazzjonali. Għalhekk ma jistax jingħad illi din l-introduzzjoni ġabet fix-xejn il-wegħdiet magħmula lir-rikorrenti. Għalhekk anke din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*Ikkonsidrat;*

*Rigward it-tieni talba tar-rikorrenti, il-Qorti rat illi, kif relatat mill-Perit Legali*

> *"...is-Sentenza nnifisha qatt ma tista' tkopri r-rekwiżiti amministrattivi stabbiliti mill-imsemmi Kap. 450 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *(...)*
>
> *B'danakollu, l-atturi għamlu talba speċifika ossia riżerva għal kull azzjoni oħra lilhom spettanti skont il-Liġi u kwindi dina l-Onorabbli Qorti tista' tikkonferma tali riżerva f'każ illi s-soċjetà konvenuta tonqos milli timplimenta l-iskema tal-pensjoni fit-terminu lilha prefiss ai termini tal-ewwel talba, si et quatenus."*
>
> *Wara li rat il-Kapitolu 450 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi kkonsidrat ir-rekwiżiti amministrattivi imposti f'din il-liġi, m'huwiex legalment possibli illi tintlaqa' t-tieni talba tar-rikorrenti illi l-ftehim, u ċjoè l-iskema tal- pensjoni, jiġi jorbot permezz ta' din is-sentenza. Dan naturalment però, kif ukoll relatat mill-Perit Legali, b'riżerva għal kwalunwke azzjoni kompetenti lir-rikorrenti fil-każ illi s-soċjetà intimata tħalli t-terminu impost b'din is-sentenza jiddekorri inutilment.»»*

8. Il-kumpanija konvenuta appellat minn din is-sentenza fit-3 ta' Jannar, 2018 u ressqet sitt aggravji biex titħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

9. Fl-ewwel aggravju tagħha l-kumpanija konvenuta tisħaq li bis-saħħa tal-kuntratt tal-4 ta' Awwissu, 1992, hija ma kinitx assumiet l-obbligi li kellha Telemalta fil-konfront tal-impjegati tagħha, fosthom l-obbligu li twettaq l-iskema ta' pensjoni li qegħdin jitolbu l-atturi. Tgħid li għalhekk,

kuntrarjament għal dak li sabet l-Ewwel Qorti, it-tieni eċċezzjoni tagħha kellha tiġi milqugħa. Hija tkompli ssostni din il-pożizzjoni fit-tieni aggravju tagħha fejn tisħaq li l-obbligazzjoni li titwettaq skema ta' pensjoni kif miftiehma fil-kuntratt tal-1976 kienet aktar tard ġiet immewta bis-saħħa ta' ftehim kollettiv li kien ġie ffirmat bejn Telemalta u s-sezzjoni parastatali tal-*General Workers Union* għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 1989 u t-30 ta' Settembru, 1992. Biex issaħħaħ l-argument tagħha hija tehmeż kopja ta' dan il-ftehim kollettiv mar-rikors tal-appell tagħha u tagħmel referenza għal uħud mill-klawsoli li hemm imniżżla fih.

10. Iżżid tgħid fit-tielet aggravju tagħha, li l-ftehim kollettiv li kien intlaħaq bejnha u bejn il-*Union*, li kienet irrappreżentat lill-atturi fl-1993, ma kien isemmi xejn dwar din l-iskema ta' pensjoni. Issostni, li dan il-ftehim kollettiv kien ħassar kull ftehim ieħor li kien sar qabel u li l-istess ftehim kien l-unika wieħed li kellu jirregola r-relazzjoni ta' bejnha u bejn l-impjegati tagħha. Tgħid li għalhekk, it-tielet eċċezzjoni tagħha kellha tiġi milqugħa mill-Ewwel Qorti.

11. Fir-raba' aggravju tagħha, il-kumpanija konvenuta tisħaq li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ma kinitx tajba meta din ċaħdet il-ħames eċċezzjoni tagħha u sabet li l-azzjoni tal-atturi mhijiex preskritta skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Tgħid li fl-aħħar mill-aħħar l-għan wara l-azzjoni tal-atturi huwa li huma jiġbru kreditu

mingħandha u għalhekk l-obbligazzjoni li fuqha huma qegħdin isejsu l-kawża tagħhom hija waħda *di dare* u mhux *di fare*.

12. Imbagħad, fil-ħames aggravju tagħha, il-kumpanija konvenuta tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża u ħelsitha mill-ħarsien tal-ġudizzju. Terġa' tisħaq li l-obbligazzjoni tat-twettiq ta' skema ta' pensjoni, li kellha Telemalta, qatt ma għaddiet għandha u li f'kull każ kull responsabbiltà li kellha Telemalta llum għaddiet f'idejn is-suċċessuri tagħha, fosthom l-imsejħa fil-kawża.

13. Fl-aħħar nett, fis-sitt aggravju tagħha, il-kumpanija konvenuta tilmenta mid-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Novembru, 2017, li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tagħha biex jiġi ppreżentat id-dokument li jikkonsisti fl-*audited balance sheets* ta' Xandir Malta u li jagħmel parti integrali mill-kuntratt pubbliku tal-5 ta' Awwissu, 1992. Dan il-kuntratt kien ġie ppreżentat mill-atturi waqt l-istadju tal-provi tagħhom. Hija tisħaq li l-atturi kellhom jippreżentaw il-kuntratt sħiħ u mhux biss parti minnu, kemm għaliex dan il-kuntratt huwa wieħed pubbliku u kif ukoll għaliex skontha, id-dokument inkwistjoni jinkludi fih il-lista tal-attiv u l-passiv li hija kienet akkwistat mingħand Telemalta permezz tal-imsemmi kuntratt.

14. L-imsejħa fil-kawża wieġbet għal dan l-appell fl-24 ta' Jannar, 2018, fejn hija warrbet il-ħames aggravju tal-kumpanija konvenuta billi tenniet li hija kienet biss is-suċċessur fit-titolu tat-taqsima tat-telefonija ta' Telemalta u mhux ukoll dik tax-xandir, li fiha kienu jaħdmu l-atturi. Iżżid tgħid li l-atturi kienu għaddew direttament f'impjieg mal-kumpanija konvenuta mingħand Telemalta u li għalhekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb li hija m'għandhiex twieġeb għat-talbiet tal-atturi.

15. Imbagħad, fit-28 ta' Awwissu, 2018, l-atturi wieġbu għall-appell tal-kumpanija konvenuta u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn huma jemmnu li l-appell tagħha għandu jiġi miċħud. Flimkien mat-tweġiba tagħhom huma ressqu wkoll appell inċidentali li jikkonsisti f'aggravju wieħed. Fih huma jilmentaw mill-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tieni talba tagħhom u laqgħet biss l-ewwel talba tagħhom bil-kundizzjoni li l-iskema ta' pensjoni li għandha twettaq il-kumpanija konvenuta trid tkun suġġetta għall-ħtiġijiet amministrattivi kollha meħtieġa mil-liġi, fosthom dawk misjuba fil-**Kap. 450 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huma jtennu li l-ħtiġijiet ta' din il-liġi, kif mibdula bil-**Kap. 514 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma japplikawx għall-iskema ta' pensjoni li l-kumpanija konvenuta ġiet ordnata twettaq minħabba li l-obbligazzjoni ġiet maħluqa bis-saħħa ta' ftehim li sar qabel is-sena 2002.

16. Għall-appell inċidentali tal-atturi, la wieġbet il-kumpanija konvenuta

u lanqas l-imsejħa fil-kawża.

17. Inżamm smigħ fit-28 ta' Frar, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Fl-**ewwel aggravju** tagħha l-kumpanija konvenuta targumenta li bis-saħħa tal-kuntratt pubbliku li sar bejnha u bejn Telemalta fil-5 ta' Awwissu, 1992, hija kienet akkwistat biss l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' Telemalta li kellhom x'jaqsmu mas-servizzi tax-xandir li din tal-aħħar kienet tipprovdi, liema assi u obbligazzjonijiet jirriżultaw fl-*audited balance sheet* li hemm mehmuża mal-imsemmi kuntratt. Tgħid ukoll li b'dak il-kuntratt il-ħaddiema ta' Telemalta ma kinux għaddew għandha, tant li dawn kienu baqgħu fuq il-kotba ta' Telemalta sakemm sar il-ftehim kollettiv bejnha u bejn il-*General Workers Union*, li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 1993. B'żieda ma' dan, hija tisħaq li bis-saħħa tal-kuntratt tal-1992 ma kinux ġew trasferiti lilha obbligazzjonijiet li twieldu minn xi ftehim kollettiv għaliex fil-mument li sar dak il-kuntratt, il-ħaddiema ta' Telemalta kienu għadhom ma waqgħux taħt ir-responsabbiltà tagħha.

19. Marbuta sfiq ma' dan l-aggravju, il-kumpanija konvenuta ressqet żewġ aggravji oħra. Kemm hu hekk, fil-**ħames aggravju** tagħha hija

tkompli tisħaq li Telemalta qatt ma għadditilha l-obbligu li twettaq skema ta' pensjoni f'isem l-atturi. Minbarra dan, targumenta wkoll li f'kull każ, ġaladarba din l-iskema kienet għadha ma twettqitx meta l-assi, id-debiti u l-impjegati ta' Telemalta għaddew għandha, ir-responsabbiltà għat-twettiq ta' din l-iskema llum għaddiet f'idejn is-suċċessuri fit-titolu ta' Telemalta, fosthom l-imsejħa fil-kawża. Għalhekk tgħid li f'kull każ, it-twettiq ta' din l-iskema mhuwiex biss ir-responsabbiltà tagħha iżda wkoll tal-imsejħa fil-kawża.

20. B'żieda ma' dan, fis-**<u>sitt aggravju</u>** tagħha hija qiegħda tilmenta mid-digriet li ngħata mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Novembru, 2017, li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tagħha li hija tippreżenta fl-atti kopja tal-*audited balance sheet* li kienet ġiet mehmuża mal-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992. Hija ttenni li l-*audited balance sheet* tagħmel parti integrali mill-imsemmi kuntratt u li ladarba l-kuntratt kien wieħed pubbliku, l-atturi kien imisshom ippreżentaw fl-atti kopja sħiħa tiegħu. Issostni wkoll li għall-għanijiet ta' din l-kawża, dan id-dokument huwa importanti ferm għaliex fih hemm imniżżla l-lista tal-attiv u l-passiv li akkwistat il-kumpanija konvenuta mingħand Telemalta bis-saħħa tal-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, u għalhekk minnu sejjer jirriżulta jekk l-obbligazzjoni li titwettaq skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tal-atturi kinitx tassew ġiet mgħoddija lilha fl-imsemmi kuntratt.

21. Peress li dawn it-**<u>tliet aggravji</u>** lkoll kemm huma jorbtu fuq xulxin, ikun xieraq li dawn jiġu meqjusa flimkien.

22. Din il-Qorti tqis li permezz tal-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, Telemalta biegħet u trasferiet lill-kumpanija konvenuta, li min-naħa tagħha aċċettat, xtrat u akkwistat:

> *«(2) All rights and claims (including litigious rights) and agreements regarding broadcasting services, of the Corporation against or with third parties (including and claims against the Broadcasting Authority), and all debts due to or due by the Corporation regarding broadcasting services, subject to all contractual obligations relating to any of the aforesaid rights, claims, agreements or debts. For the avoidance of any doubt the parties agree that this deed comprises all current assets and liabilities appearing on the audited balance sheet of the "Xandir Malta" division of the Corporation as on the thirty first of July of the year one thousand nine hundred and ninety two.»*

23. Huwa ferm ċar minn kif ġiet imfassla din il-klawsola, li bis-saħħa tal-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, il-kumpanija konvenuta kisbet mingħand Telemalta d-drittijiet, il-krediti, id-debiti u l-obbligazzjonijiet kollha ta' Telemalta, inkluż kuntratti ma' terzi, li huma marbuta mas-servizzi ta' xandir li kienet tagħti din tal-aħħar. Fost dawn id-drittijiet, krediti, debiti u obbligazzjonijiet li ġew mgħoddija lill-kumpanija konvenuta kien hemm l-attiv u l-passiv kollu li ġie mniżżel fuq l-*audited balance sheet* ta' Telemalta.

24. Madankollu, din il-klawsola mkien ma tgħid li kien biss l-attiv u l-passiv li ġie mniżżel fl-*audited balance sheet* ta' Telemalta li kien qiegħed jiġi mgħoddi permezz ta' dan il-kuntratt. Mod ieħor, din il-klawsola tgħid

biss li t-trasferiment li kien qiegħed iseħħ permezz ta' dak il-kuntratt kien jinkludi l-attiv u l-passiv li hemm imsemmi f'din il-lista. Fl-istess waqt, mill-mod ta' kif ġiet imfassla din il-klawsola, wieħed jifhem li l-kuntratt ma jeskludix il-fatt li permezz tiegħu kienu qegħdin jiġu trasferiti wkoll obbligazzjonijiet li mhumiex imsemmija fl-*audited balance sheet*. Tassew, il-kelma *«comprises»* li ġiet użata f'din il-klawsola, hija waħda inklużiva u mhux esklussiva, u għalhekk l-użu tagħha jagħti x'jifhem li seta' kien hemm attiv u passiv ieħor li ma kienx ġie imniżżel fl-*audited balance sheet* u li wkoll kien qiegħed jiġi trasferit bis-saħħa tal-kuntratt.

25. Ġaladarba bil-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, il-kumpanija konvenuta kienet qiegħda tikseb id-drittijiet, il-krediti, id-debiti u l-obbligazzjonijiet kollha ta' Telemalta, u darba wkoll li fl-*audited balance sheet* li hemm mehmuża mal-kuntratt mhux neċessarjament ġie mniżżel l-attiv u l-passiv kollu li kellha Telemalta sa dik il-ġurnata, din il-Qorti ma tara l-ebda ħtieġa li tiġi ppreżentata l-imsemmija *audited balance sheet* fl-atti ta' din il-kawża. Meqjus dan, huwa evidenti li x'hemm u x'ma hemmx imniżżel f'din l-*audited balance sheet* ma jistax ikun determinanti fuq id-deċiżjoni ta' din il-Qorti u għalhekk ma jibqa' l-ebda għan prattiku għall-preżentata tagħha fl-atti tal-kawża. F'dan is-sens għalhekk ma hemmx lok biex jitħassar id-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Novembru, 2017, kif hekk mitlub fis-**sitt aggravju**.

26. Magħluqa din il-kwistjoni, il-Qorti tista' tissokta biex tqis jekk huwiex siewi l-argument tal-kumpanija konvenuta li l-obbligazzjonijiet ta' Telemalta, f'dak li kellu x'jaqsam mal-ħaddiema ta' din tal-aħħar, ma kinux waqgħu f'ħoġorha bis-saħħa tal-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992.

27. Għalkemm huwa minnu li fi Frar tas-sena 1995 kienu għadhom qegħdin jinġabu lejn tmiemhom il-proċeduri mal-*Employment and Training Corporation* biex l-impjegati ta' Telemalta jitniżżlu fuq il-kotba tal-kumpanija konvenuta (ara ċ-ċirkulari maħruġa minn Roland Flamini fit-3 ta' Frar, 1995), dan ma jfissirx li l-ħaddiema li kienu jaħdmu fit-taqsima tax-xandir ta' Telemalta tassew baqgħu jaħdmu magħha sa dakinhar. Li kieku dan kien il-każ, il-kumpanija konvenuta ma kinitx tidħol fi ftehim kollettiv ġdid mal-istess ħaddiema b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 1993.

28. Kif diġà ġie msemmi aktar 'il fuq, huwa ċar li fil-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, il-kumpanija konvenuta kisbet mingħand Telemalta d-drittijiet, il-krediti, id-debiti u l-obbligazzjonijiet kollha ta' Telemalta li huma marbuta mas-servizzi ta' xandir li din tal-aħħar kienet tagħti. Fost dawn l-obbligazzjonijiet kien hemm ukoll, *«all agreements regarding broadcasting services»*, jiġifieri l-kuntratti kollha li hija kellha fis-seħħ ma' terzi f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi ta' xandir li kienet għadha tagħti sa dakinhar.

29. Il-Qorti jidhrilha li l-kuntratti ta' impjieg tal-ħaddiema li fil-mument li sar il-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, kienu qegħdin jaħdmu fit-taqsima tax-xandir ta' Telemalta u kif ukoll kull ftehim, kollettiv u mhux, li kien sar sa dakinhar tal-imsemmi kuntratt, bil-għan li jirregola l-impjieg ta' dawn il-ħaddiema, jaqgħu perfettament fil-lista ta' obbligazzjonijiet li ġew mgħoddija lill-kumpanija konvenuta fl-istess kuntratt. Jiġi b'hekk, li hekk kif sar il-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, il-kumpanija konvenuta ġiet responsabbli għall-impjiegi tal-ħaddiema kollha li sa dakinhar kienu qegħdin jaħdmu fit-taqsima tax-xandir ta' Telemalta.

30. Issa jekk il-kumpanija konvenuta qagħdet titnikker biex tieħu ħsieb iddawwar fuq il-kotba tagħha u b'mod uffiċjali l-impjegati li kienet responsabbli għalihom, dak ma huwa xejn ħlief nuqqas tagħha. Din il-Qorti, madankollu, ma tistax tħalli lill-kumpanija konvenuta tinqeda bit-tnikkir tagħha sabiex hija tinħeles mill-obbligi li hija assumiet fil-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992.

31. Fl-ewwel aggravju tagħha l-kumpanija konvenuta tgħid ukoll li l-obbligu li titwettaq skema ta' pensjoni ma seta' qatt jiġi assenjat jekk mhux bil-kunsens espress tal-kreditur, f'dan il-każ, l-atturi. Għalkemm il-kumpanija konvenuta ma tagħmilx referenza għal xi artikolu tal-liġi, jidher li hija qiegħda ssejjes dan l-argument tagħha fuq dak li hemm imniżżel fl-**Artikolu 1183 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu tal-liġi

jgħid li, *«Id-delegazzjoni li biha d-debitur jagħti lill-kreditur tiegħu debitur ieħor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ġġibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tiegħu li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni»*.

32. Dan l-argument fl-ebda waqt ma ġie mressaq mill-kumpanija konvenuta quddiem l-Ewwel Qorti, u b'konsegwenza ta' hekk din il-Qorti mhijiex fid-dmir illi tqisu. Fuq kollox, fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument qajla jagħmel sens, fil-kuntest tal-fatt, li tul il-kors ta' din il-kawża l-atturi dejjem sostnew li qatt ma seħħet novazzjoni tal-obbligu li titwettaq skema ta' pensjoni, li ġie maħluq bil-kuntratt tal-1 ta' Marzu, 1976, u li dan l-obbligu qatt ma kien ġie estint. Joqgħod hawnhekk dak imtenni minn din il-Qorti fis-sentenza ***Gamologist Limited v. Gaming VC Corporation Limited*** deċiża fit-28 ta' Frar, 2014, illi «*In-novazzjoni, biex tkun valida, trid il-kunsens espress tal-kreditur tal-obbligazzjoni, u jekk dan hu nieqes, għas-soċjetà attriċi kollox għadu kif kien, u ma għandhiex din is-soċjetà tiġi involuta fi kwistjoni li lilha ma tinteressahiex.*» Għalhekk, dan l-argument tan-novazzjoni ma jista' jkun tal-ebda fejda għall-kumpanija konvenuta ladarba l-atturi ma ħelsux lill-kumpanija konvenuta mill-obbligu li twettaq skema ta' pensjoni.

33. Darba li din il-Qorti qiegħda ssib li bis-saħħa tal-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, il-kumpanija konvenuta kienet daħlet responsabbli għall-

impjegati li sa dakinhar kienu jaħdmu fit-taqsima tax-xandir ta' Telemalta, u kif ukoll għal kull obbligu kuntrattwali li Telemalta kienet daħlet fih magħhom, isegwi wkoll li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb meta hija sabet li l-imsejħa fil-kawża m'għandhiex twieġeb għat-talbiet imressqa mill-atturi. Fuq kollox jirriżulta ferm ċar mill-provi, li l-imsejħa fil-kawża kienet laqgħet fi ħdanha l-impjegati ta' Telemalta li kienu jaħdmu fit-taqsima tat-telefonija u mhux dik tax-xandir. Kemm hu hekk, Ayrton Caruana, li huwa institur anzjan tar-riżorsi umani fi ħdan l-imsejħa fil-kawża, stqarr li l-ebda wieħed mill-atturi ma kien xi darba impjegat magħha. B'hekk, il-kumpanija konvenuta tgħid ħażin li l-imsejħa fil-kawża għandha tinżamm responsabbli flimkien magħha għal dak li qegħdin jitolbu mingħandha l-atturi;

34. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-**ewwel, il-ħames u s-sitt aggravji** tal-kumpanija konvenuta qegħdin jiġu miċħuda.

35. Ngħaddu issa biex inqisu t-**tieni aggravju** tal-kumpanija konvenuta fejn hija tgħid li l-obbligazzjoni li nħolqot fil-ftehim kollettiv tal-1976 kienet diġà ġiet estinta meta sar il-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 1992, bejnha u bejn Telemalta. Biex issaħħaħ dan l-argument tagħha hija tehmeż mar-rikors tal-appell tagħha, kopja ta' ftehim kollettiv li kien intlaħaq bejn Telemalta u s-sezzjoni parastatali tal-*General Workers Union*, liema ftehim kien jirregola l-perijodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 1989 u t-30 ta' Settembru, 1992

u tagħmel referenza għal dak li hemm imniżżel fl-Anness L tiegħu.

36. Min-naħa l-oħra, l-atturi, filwaqt li jisħqu li l-kumpanija konvenuta ma kienet ressqet ebda eċċezzjoni dwar dan il-ftehim, isostnu wkoll li dan id-dokument għandu jiġi mneħħi mill-atti għaliex il-kumpanija konvenuta ma kellha l-ebda awtorizzazzjoni biex tressaq kopja tiegħu f'dan l-istadju tal-appell.

37. Il-Qorti tqis li r-rikors tal-appell sar fit-3 ta' Jannar, 2018, meta l-**Artikolu 145 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, qabel l-emendi magħmula bl-**Artikolu 3 tal-Att XXXII tal-2021**, kien jippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda flimkien mar-rikors tal-appell. Dan, madankollu, ma jfissirx li kull parti setgħet tibda taqla' provi ġodda fl-istadju tal-appell kif jogħġobha. Tassew, għal żmien twil, din il-Qorti fissret dan l-artikolu tal-liġi b'tali mod li dan m'għandux jintuża minn xi parti f'kawża biex tabbuża mill-proċedura jew biex iċċaħħad il-benefiċċju tal-eżami doppju tal-provi (ara ***Boris Arcidiacono Limited v. Commercial Services Bureau (CSB) Limited***, Appell Superjuri, 27 ta' Settembru, 2019).

38. Kemm hu hekk, dan l-artikolu jrid jitfisser fil-qafas tal-funzjoni ta' din il-Qorti bħala waħda ta' reviżjoni, li bħala regola m'għandhiex tqis provi li ma nġabux quddiem il-Qorti tal-ewwel grad (ara ***Tabib John Cassar et v. Carmel Polidano et***, Appell Superjuri, 14 ta' Diċembru, 2018).

Għalhekk, jekk prova dokumentarja ma setgħetx titressaq quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, u jekk il-parti ma setgħetx tkun taf b'dak id-dokument qabel ma ngħatat is-sentenza, din il-Qorti tħalli li titressaq tali prova dokumentarja fl-istadju tal-appell, dejjem jekk ikun fl-interess tal-ġustizzja li dan isir (ara ***Vinco Ltd v. Josephine Cilia et***, Appell Superjuri, 12 ta' Lulju, 2019).

39. Għall-kuntrarju, fejn dik il-prova tkun magħrufa lill-parti sa minn qabel l-għoti tas-sentenza appellata, ma jkunx sewwa mbagħad li din titħalla tressqha fl-istadju tal-appell (ara ***Josef Farrugia v. Christopher Carabott et***, Appell Superjuri, 24 ta' Ġunju, 2011 u ***Emanuel Zammit nomine v. Charles Polidano pro et noe***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2014).

40. L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu fil-każ tal-lum. Id-dokument mehmuż mar-rikors tal-appell huwa ftehim li kien jeżisti sa minn qabel ma nfetħet il-kawża, sewwasew sa mis-sena 1990, u għalhekk seta' u messu inġieb mill-kumpanija konvenuta quddiem l-Ewwel Qorti sa mill-bidu nett tal-kawża (ara ***Carmela Mallia v. Alfred Mallia***, Appell Superjuri, 12 ta' Mejju, 2022).

41. Il-Qorti għalhekk qiegħda tordna li d-dokument mehmuż mar-rikors tal-appell jinħareġ mill-inkartament tal-kawża. Ġaladarba t-**<u>tieni</u>**

**aggravju** tal-kumpanija konvenuta huwa msejjes fuq il-kontenut ta' dokument li m'għadux jagħmel parti mill-atti, dak li hija qiegħda ssostni ma jirriżultax pruvat u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li tiċħad ukoll dan l-aggravju.

42. Fit-**tielet aggravju** tagħha, il-kumpanija konvenuta tisħaq li bis-saħħa tal-ftehim kollettiv milħuq magħha fis-sena 1993, l-atturi, permezz tal-*Union* li kienet irrappreżentathom fuq l-istess ftehim, kienu rrinunzjaw għad-dritt tagħhom li hija twettaq skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom. Tgħid ukoll li dan il-ftehim kollettiv ma jsemmi xejn dwar din l-iskema ta' pensjoni. Issostni li dan il-ftehim kollettiv kien ħassar kull ftehim ieħor li kien sar qabel u li l-istess ftehim kien l-unika wieħed li kellu jirregola r-relazzjoni ta' bejnha u bejn l-impjegati tagħha. Hija ttenni wkoll li ftehim kollettiv għandu dejjem jitqies bħala kuntratt li jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u għalhekk dak li hemm imniżżel fih huwa riflessjoni tar-rieda tagħhom.

43. Minbarra dan, hija ma taqbilx mal-linja li ħadet l-Ewwel Qorti meta din straħet fuq is-sentenza fl-ismijiet ***Francis Paris et v. Maltacom p.l.c.***, li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2008. Tisħaq li dak il-każ kien differenti minn dak tal-lum għaliex f'dak il-każ kien sar ftehim kollettiv li kien ħassar il-ftehim kollettivi kollha li kienu saru qabel u nzerta li f'dak il-każ il-Qorti tal-Appell kienet sabet li l-kuntratt oriġinali li ħoloq l-

obbligazzjoni dwar l-iskema ta' pensjoni ma kienx ftehim kollettiv. Iżżid tgħid li f'dan il-każ, il-klawsola rilevanti tal-ftehim kollettiv tal-1993 ma tħassarx biss kull ftehim kollettiv li sar qabel iżda tħassar ukoll kull ftehim verbali u/jew bil-miktub ieħor li kien sar bejnha u bejn l-atturi.

44. Minkejja dak kollu li ssostni l-kumpanija konvenuta, din il-Qorti ma tarax kif dan il-każ huwa differenti minn dak ta' ***Francis Paris et***, hawn fuq imsemmi. Anzi f'dak il-każ, il-ftehim kollettiv li kien sar bejn il-partijiet ukoll kien jinkludi klawsola li kienet tgħid li dak kien l-unika ftehim li kellu jkun jorbot bejn il-partijiet. Għalhekk il-kwistjoni li ddeċidiet dwarha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza ta' ***Francis Paris et*** hija prattikament identika għal dik li din il-Qorti għandha quddiemha llum.

45. Il-Qorti ttenni li hija taqbel bis-sħiħ mar-raġunament milħuq minnha, b'imħallfin differenti, fis-sentenza ta' ***Francis Paris et***. Meta l-atturi, permezz tal-*Union* li rrappreżentathom, ressqu għall-ftehim kollettiv tal-1993, u qablu mal-klawsoli ta' esklussività li fuqhom il-kumpanija konvenuta ssejjes dan l-aggravju tagħha, huma żgur ma kellhomx f'moħħhom li jħassru l-klawsola numru 11 tal-kuntratt tal-1 ta' Marzu, 1976, li biha nħolqot l-obbligazzjoni tat-twettiq tal-iskema ta' pensjoni.

46. Kemm hu hekk, l-atturi Anthony Abela u Raymond Libreri (b'dan tal-aħħar jgħid li huwa dejjem kien preżenti għal-laqgħat li seħħew bejn

il-*General Workers Union* u l-kumpanija konvenuta), it-tnejn xehdu li l-kwistjoni dwar il-pensjoni qatt ma ġiet diskussa jew imsemmija waqt in-negozjati li wasslu biex jintlaħaq il-ftehim kollettiv tal-1993.

47. Id-daħla ta' klawsola ta' esklussività fil-ftehim kollettiv tal-1993 ma turi l-ebda rieda min-naħa tal-partijiet, u aktar u aktar min-naħa tal-atturi, li jintesa dak li kien ġie miftiehem snin qabel jew li jiġu rinunzjati d-drittijiet imwielda bil-ftehim tal-1976. Il-ftehim kollettiv tal-1993 seta' biddel xi kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema, iżda żgur li ma jistax jingħad li dan invalida jew ħassar il-klawsola dwar it-twettiq ta' skema ta' pensjoni kif misjuba fil-ftehim tal-1976.

48. Fuq kollox, ma jistax jitqies li l-atturi kienu qegħdin jaqblu li jitħassar id-dritt tagħhom għat-twettiq ta' skema ta' pensjoni meta dan id-dritt ma ġiex imwettaq minħabba nuqqas serju tal-kumpanija konvenuta. Li kieku l-iskema ta' pensjoni twettqet minnufih wara s-sena 1976, jew għallinqas ftit ta' żmien wara l-ftehim l-ieħor tal-1981, u mbagħad il-kumpanija konvenuta tassew għaddiet biex tħassar dan l-obbligu li kienet assumiet fl-1992 permezz tal-ftehim kollettiv tal-1993, hekk kif qiegħda ssostni f'dan l-aggravju tagħha, hija kienet tispiċċa tkun qiegħda toħloq diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema tagħha li laħqu rtiraw qabel intlaħaq dan il-ftehim kollettiv u bejn dawk li rtiraw wara.

49. Iżda dan huwa għalkollox il-kuntrarju għal dak li għandu jintaħaq permezz ta' ftehim kollettiv. Tassew, wieħed mill-għanijiet ta' ftehim kollettiv huwa li l-impjegati li jkunu jaqgħu fl-istess kategorija jingħataw trattament ugwali, fosthom billi tiġi mrażżna kull xejra ta' diskriminazzjoni bejniethom (ara ***Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Company Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 3 ta' Ottubru, 2003).

50. Minbarra dan, il-Qorti tqis ukoll li meta l-atturi u l-kumpanija konvenuta qablu li jkunu regolati biss bil-ftehim kollettiv tal-1993, huma kellhom f'moħħhom il-kundizzjonijiet normali tax-xogħol bħal ma huma, pagi, *leave* u sahra u mhux id-drittijiet ta' pensjoni tal-atturi. Li kieku mhuwiex hekk, il-ftehim kollettiv tal-1993 kien ikun ferm żvantaġġjuż għall-atturi u l-Qorti ssibha x'aktarx bi tqila biex temmen kif l-atturi kienu sejrin jaslu biex jaqblu miegħu.

51. Meqjus dan kollu, it-**tielet aggravju** tal-kumpanija konvenuta qiegħed jiġi miċħud.

52. Imiss issa li jitqies ir-**raba' aggravju** tal-kumpanija konvenuta fejn hija tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-azzjoni tal-atturi hija preskritta skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Hija ssostni li l-għan aħħari wara l-azzjoni tal-atturi huwa li huma jirċievu pensjoni, u allura kreditu, mingħandha u għalhekk, kuntrarjament għal dak li sabet l-

Ewwel Qorti, l-obbligazzjoni li fuqha huma qegħdin isejsu l-kawża tagħhom hija waħda *di dare* u mhux *di fare*.

53. Il-Qorti tqis li minn qari tat-talbiet tal-atturi minn imkien ma jirriżulta li huma qegħdin jitolbu li jitħallsu xi kreditu mingħand il-kumpanija konvenuta. Ir-rimedju li huma qegħdin jitolbu permezz ta' din il-kawża huwa li l-kumpanija konvenuta toqgħod għall-obbligazzjoni li hija assumiet fil-konfront tagħhom u li b'hekk tiġi mnedija skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom. Tassew, ir-rimedju li qiegħed jintalab mill-atturi mhuwiex dak li huma jitħallsu l-pensjoni meta jirtiraw iżda li qabel xejn titwettaq skema li abbażi tagħha huma jkunu jistgħu japplikaw għall-pensjoni ladarba huma jsiru eliġibbli għaliha.

54. Il-kliem *«kull kreditu ieħor»* li nsibu f'dan l-artikolu dejjem ġie interpretat li jirreferi għal kreditu ta' flus jew kreditu li n-natura tiegħu hija flus. B'hekk dan ma jsibx applikazzjoni għal obbligazzjoni *di fare*, bħal ma hija dik fil-każ tagħna (ara wkoll ***Francis Paris et v. Maltacom p.l.c.***, Appell fis-7 ta' Lulju, 2008). Għaldaqstant, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti. B'hekk dan l-aggravju tal-kumpanija konvenuta qiegħed jiġi miċħud ukoll.

55. Jifdal biss li jiġi mistħarreġ l-unika aggravju mressaq mill-atturi fl-**appell inċidentali** tagħhom. F'dan l-aggravju huma jilmentaw li l-Ewwel

Qorti ma jmisshiex laqgħet l-ewwel talba tagħhom bil-kundizzjoni li l-iskema ta' pensjoni li għandha twettaq il-kumpanija konvenuta trid tkun suġġetta għall-ħtiġijiet amministrattivi kollha meħtieġa mil-liġi, fosthom dawk misjuba fil-**Kap. 450 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huma jisħqu li l-ħtiġijiet ta' din il-liġi, kif mibdula bil-**Kap. 514 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma japplikawx għall-iskema ta' pensjoni li l-kumpanija konvenuta ġiet ordnata twettaq minħabba li l-obbligazzjoni kienet ġiet maħluqa bis-saħħa ta' ftehim li sar qabel is-sena 2002. B'hekk huma jgħidu li ma kien hemm l-ebda xkiel biex l-Ewwel Qorti tilqa' wkoll it-tieni talba tagħhom.

56. Dwar dan l-aggravju ftit li xejn hemm x'jingħad. Il-Qorti tqis li l-**Kap. 450 tal-Liġijiet ta' Malta** ġie revokat fl-1 ta' Jannar, 2015 u mibdul bil-**Kap. 514 tal-Liġijiet ta' Malta**. Issa skont ir-**regolament 7(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 514.02**, skemi ta' pensjonijiet li joriġinaw minn kuntratti milħuqa bejn min iħaddem u l-impjegati tiegħu, jew ir-rappreżentanti tagħhom, qabel l-1 ta' Ottubru, 2002, mhumiex meqjusa bħala skemi ta' irtirar għall-għanijiet tal-imsemmi **Kap. 514**. Fil-każ tagħna, il-ftehim dwar l-iskema ta' pensjoni li l-atturi qegħdin jitolbu t-twettiq tagħha ntlaħaq fl-1 ta' Marzu, 1976, jiġifieri ferm qabel l-1 ta' Ottubru, 2002. Għalhekk, darba li l-imsemmija liġi ma tapplikax għall-iskema ta' pensjoni inkwistjoni, l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta ċaħdet it-tieni talba tal-atturi u laqgħet l-ewwel talba tagħhom bil-kundizzjoni li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' din il-liġi.

57. Fid-dawl ta' dan, l-appell inċidentali tal-atturi qiegħed jintlaqa'.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ewlieni tal-kumpanija konvenuta iżda **tilqa'** l-appell inċidentali tal-atturi u tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi: (i) **tħassar** id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti safejn hija laqgħet l-ewwel talba tal-atturi bil-kundizzjoni li t-twettiq tal-iskema ta' pensjoni jrid ikun suġġett għar-rekwiżiti amministrattivi kollha meħtieġa mil-liġi, fosthom dawk misjuba fil-**Kap. 450 tal-Liġijiet ta' Malta** u minflok **tilqa'** l-ewwel talba tal-atturi fis-sħiħ tagħha mingħajr ebda kundizzjoni, u b'hekk tordna lill-kumpanija konvenuta twettaq l-imsemmija skema ta' pensjoni fi żmien tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza; (ii) **tħassar** id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti safejn din ċaħdet it-tieni talba tal-atturi u minflok **tilqa'** t-tieni talba tagħhom; u (iii) għall-għanijiet tal-**Artikolu 222 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** **tordna** lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-atturi kollettivament bejniethom penali ta' €650 (sitt mija u ħamsin ewro) għal kull jum li hija ddum biex tniedi l-iskema ta' pensjoni wara li jgħaddi ż-żmien ta' tliet xhur mogħti hawn fuq.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu hekk: (i) dawk marbuta mal-

ewwel grad jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru, 2017; (ii) dawk marbuta mal-appell ewlieni tal-kumpanija konvenuta u mal-appell inċidentali tal-atturi jitħallsu mill-kumpanija konvenuta; u (iii) dawk tal-intervenuti fil-kawża jitħallsu minnhom stess.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da